**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002

**Numru 34**

**Avviz numru 1078/01JR**

**Molinair Limited**

**vs**

**Duncan Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u hamsa u tletin lira Maltija u centezmu (Lm1035.01), u fejn intqal:**

1. **Illi fl-24 t'April, 2000, il-konvenut iffirma skrittura ta' bejgh, konsenja u nstallazzjoni ta' "air conditioning ducting", u ta' installazzjoni ta' "air conditioning unit" uzat, mas-socjeta` attrici liema hallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200.00) mal-firma ta' l-iskrittura u**

**obbliga ruhu li jhallas il-bilanc li jammonta ghal sitt mija u ghaxar liri (Lm610.00) fuq installazzjoni ta' l-imsemmi "equipment" u kopja ta' din l-iskrittura hija annessa mal-avviz u mmarkata Dok.A;**

2. **Illi l-konvenut xtara l-"air conditioning unit" uzat, minghand terza parti u mhux minghand is-socjeta` attrici;**
3. **Illi s-socjeta` attrici ssodisfat l-obbligi taghha skond l-iskrittura billi kkonsenjat u nstallat l-"equipment" koncernat;**
4. **Illi s-socjeta` attrici minkejja li baghtet zewg fatturi li jammontaw ghal elf u mitejn u hamsa u tletin lira u centezmu (Lm1035.01) li minnhom thallas l-ammont ta' mitejn lira (Lm200.00) akkont, valur ta' materjal u xoghol ta' nstallazzjoni fuq l-istess materjal, dawn baqghu ma thallsux u kopja tal-fatturi huma annessi mal-avviz u mmarkati Dok.B u Dok.C;**
5. **Illi wara li gie nterpellat kemm-il darba mis-socjeta` attrici, il-konvenut baqa' nadempjenti u naqas milli jhallas is-somom dovuti fuq iz-zewg fatturi ghall-total ta' elf u hamsa u tletin lira Maltija u centezmu (Lm1035.01) u ghalhekk kellha ssir din it-talba.**

**Ghaldaqstant is-socjeta` qieghda titlob li t-Tribunal:**

a. **jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' elf u hamsa u tletin lira Maltija u centezmu (Lm1035.01);**

b. Jikkundannah ihallas dan l-ammont lis-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Jannar, 2002, li biha rriduciet t-talba b'hamsin lira (Lm50.00), u fejn intqal li s-somma dovuta kienet issa ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm985.00).

Semgha x-xhieda ta' Mario Camenzuli Managing Director tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hlas imsemmi u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm985.00), bl-imghaxijiet legali mil-15 ta' Mejju, 2002, bl-imghaxijiet legali mill-24 t'April, 2000.

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**